KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 421 (8-49)

It-Tnejn 9 ta' Mejju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal għal laqgħa fis-6.35ta' filgħaxija)
Il-Kunsillier Julian Borg (ħareġ mil-laqgħa fit-8.10 ta' filgħaxija)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Kulħadd kien preżenti.

ASSENTI

Kulħadd kien preżenti.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**421.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**421.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 420. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**421.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajjem l-ebda punt mill-Minuti.

**421.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**421.3.1** Awgurju lill-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace
Is-Sindku ta merħba lill-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace li ġiet eletta b'elezzjoni każwali wara r-riżenja tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi. Huwa ta merħba mill-ġdid peress li kienet diġa tokkupa l-kariga f'leġislazzjoni preċedenti u awguralha l-ħidma t-tajba favur il-lokalita' u r-residenti. Is-Sindku awgura wkoll lill-Kunsillier Julian Borg fil-kariga l-ġdida ta' minority leader.

**421.3.2** Xogħol f'Tal-Kirċippu
Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' Uffiċjali ta' TM fuq is-sit fl-area tal-Kirċeppu, Triq Nicolo Baldacchino u Triq il-Muża fejn sar il-proġett ta' wiċċ ġdid minn IM, iżda jonqos is-senjaletika tat-traffiku. Hu qal li saru diversi inċidenti minħabba nuqqas ta' senjaletika u talab li x-xogħol li jonqos isir mill-iktar fis possibbli. Qal ukoll li TM ser iħejju pjanta għal proposta biex parti mit-triq issir one-way.

**421.3.3** Traffic management mad-dawra tal-iskola
Is-Sindku irrefera għal pjan tat-traffiku fl-area tal-iskola li huwa diġa approvat, u qal li jonqos x'isir, fosthom modifika tal-bankina, spustjar taz-zebra crossing u żebgħa mill-ġdid ta' parking bays biex jintrebħu xi parkeġġi peress li t-traffiku issa jmur direzzjoni waħda. Huwa qal li l-pjanta fl-arranġament tat-traffiku kif approvata kienet ġiet ċirkolata lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom, iżda ma rċieva l-ebda kumment, u għalhekk ix-xogħol huwa previst li jsir malli tispiċċa s-sena skolastika fil-bidu ta' Lulju.

**421.3.4** Xogħolijiet minn IM
Is-Sindku qal li x-xogħolijiet fi Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa waslu fl-aħħar fażi, u hu previst li jkunu lesti nhar il-Ġimgħa 13 ta' Mejju 2022 bl-aħħar saff ta' asphalt. Il-ġimgħa ta' wara jsiru r-road markings u jerġgħu jitwaħħlu s-sinjali u l-isleeping police.

**421.3.5** Proġett Restawr tal-Istatwa ta' San Nikola
Is-Sindku qal li l-proġett tar-restawr tal-istatwa ta' San Nikola jonqsu l-aħħar fażi wkoll, cioe il-pavimentar tad-dawra u dawl ġdid. Huwa qal li qed jikkoordina mal-Perit biex jitlesta qabel il-festa.

**421.3.6** Proġett Pjazza San Nikola
Is-Sindku qal li kien iċċirkola pjanta tal-proġett propost għall-kummenti tal-Kunsilliera. Huwa qal li rċieva kummenti biss mingħand il-Kunsillier Julian Borg. Is-Sindku propona laqgħa bejn il-Kunsill u l-Perit fejn jitressqu l-idejat biex eventwalment issir pjanta għal proġett konkret. Il-Kunsilliera Francin Farrugia

staqsiet jekk fil-proġett hux inkluż li jinteħħew wires tas-servizzi u jgħaddi kollox minn taħt l-art, kif ukoll jekk hux ser jinżammu ic-charging pillars li eventwalment iktar ser ikun haw bżonnhom. Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellna mal-Enemalta qabel beda l-proġett tat-toroq rigward il-wiring minn taħt l-art, u qal li l-proċess biex dan isir huwa komplikat u jrid ikollok il-kunsens totali tar-residenti u anka jinvolvi spejjez ulterjuri. Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-pjanta tal-proġett propost kienet ġiet imressqa snin ilu, u għal lum hija outdated. Huwa qal li jekk għandu jsir proġett kapitali bħal dan, għandu jkun assigurat li jsir wiring minn taħt l-art u jitneħħew il-wires imdendla mal-faċċati. Huwa ssuġġerixxa li proġett ta' urban design fiċ-ċentru tar-raħal għandu jsir permezz ta' sejħa ta' offerti għal esperti f'dan il-qasam. Is-Sindku qal li dan mhux pjan ta' għaġġla, u l-Kunsill għandu jsib l-aħjar proposta possibbli.

Il-Kunsillier Kurstein Sant daħal għal laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

**421.3.7** Talba għal xogħol ta' restawr

Is-Sindku qal li saret talba għal laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali fuq diversi proposti ta' restawr, bi prijorita' l-Kappella tal-Providenza, u d-diversi kappelli fil-lokalita' li għandhom bżonn jiġu restawrati. Huwa qal li fil-laqgħa ser jissemmew ukoll diversi niċeċ u anka l-faċċata taċ-Ċentru Ċiviku li meta tranġat saret mid-Direttorat tar-restawr minħabba li hija binja storika. Is-Sindku qal li malli nirċievu data għal-laqgħa jiġu infurmati l-Kunsilliera.

**421.3.8** Laqgħa mal-Ministeru tat-Trasport

Is-Sindku informa li għada 11 ta' Mejju 2022 fis-2.00pm, il-Kunsill huwa mistieden jattendi għal laqgħa mal-Ministeru tat-trasport biex iressaq il-proposti u lista ta' xogħolijiet pendenti peress li kien hemm bdil fil-Ministeru. Is-Sindku qal li fuq l-aġenda hemm ix-xogħol ta' Triq Annabelle Vassallo u Triq l-imqabba fost oħrajn. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu.

**421.3.9** Contracts (Community) Manager

Is-Sindku qal li fit-2 ta' Mejju 2022 beda l-impjieg tal-Contracts (Community) Manager li qed jaħdem b'koordinament sħiħ mas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li fl-ewwel żmien ser ikun qed jiltaqa' mal-kuntratturi u b'hekk jibda jsegwi x-xogħolijiet fuq il-lant tax-xogħol u jirraporta lis-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li eventwalment ser ikun qed jgħin ukoll fuq skemi u loġistika għall-attivitajiet tal-Kunsill.

**421.4** **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**421.5** **Aġġornament dwar il-Proġett 'Reading Garden'**

Is-Sindku qal li r-residenti ta' fejn hemm is-sit biswit fejn hu pjanat il-ġnien kienu ressqu Rikors (numru 85/2020) b'diveri punti fejn huma jħossuhom aġġravati, liema rikors ġie miċħud mit-Tribunal. Huwa qal li dawn l-azzjonijiet minn naħa tar-residenti in kwistjoni qed joħolqu dewmien fl-iproċessar tal-permess u fl-eseguzzjoni biex dan il-ġnien isir. Is-Sindku qal li dan qed jikkomprometti wkoll il-fondi li l-kunsill irnexxielu jakkwista mil-LESA biex il-proġett iseħħ u l-art żdingata tingħata lill-pubbliku biex tkun tista' titgawda. Huwa kompla jgħid li l-perit reġa għamel xi emendi fil-pjanti biex jiġi indirizzati id-diversi issues, biex kemm jista' jkun anka ma tinħoloq l-ebda problema lill-istess residenti, iżda jistenna wkoll li ma jkunx hemm xkiel inutli minn naħa tagħhom, anka peress li dan huwa għal ġid tal-lokalita'.

**421.6** **Aġġornament dwar il-Proġett 'Night Shelter'**

Is-Sindku qal li l-kwistjoni ma' terzi li kkawżat li dan il-proġett jieqaf għal żmien ma tistax tibqa' ittellef milli proġett għall-anzjani jibqa' ma jsirx. Għalhekk, qed naraw l-aħjar opzjoni biex jerġa jissokta ix-xogħol u permezz tal-Perit tal-Kunsill, qed tiġi kwantifikata id-differenza fir-rati tal-kuntratt, peress li minn dak iż-żmien il-prezz tal-materjal għola.

**421.7** **Preparamenti għas-Serata 'Onorefiċenza' u attivitajiet oħra tal-Kunsill**

Is-Sindku informa li minħabba diversi ċirkostanzi, id-data tas-Serata ġiet posposta għal nhar il-Ħadd 22 ta' Mejju 2022, fis-7.00pm. Din ser tkun taħt il-patronċinju tas-Segretarju Parlamentari għal Gvern Lokali, li minn naħa tagħha ikkonfermat l-attendenza, u ġie kkonfermat ukoll il-post biex b'hekk nistgħu inkomplu bil-loġistika. Is-Sindku qal li l-programm qed ikun finaliżżat.

Is-Sindku informa wkoll li ser issir attivita' b'kommemorazzjoni tal-personaġġ mis-Siġġiewi Grezzju Pace, bit-titlu "Il-Bniedem, il-Kitba u r-Rakkont". Din ser tkun Serata kommemorattiva b'riflessjonijiet mill-ħajja tas-soċju mibki Museumin, Edukatur u Siġġiewi Grezzju Pace, organizzata mill-Kunsill Lokali is-Siġġiewi flimkien mal-familja Pace, nhar il-Ħamis 19 ta' Mejju 2022, fis-7.00 ta' filgħaxija, fis-sala taċ-Ċentru Ċiviku.

Fid-19 ta' Ġunju 2022, b'koordinament anka ma' Kunsilliera minn Ħaż Żebbuġ li għoġobhom jisilfuna appartat li ntuża għal attivita' simili u għalhekk jonqsu l-ispejjeż tal-loġistika, ser issir Festa Pjazza Pedonali mit-8.00 ta' filgħodu sa nofsinhar, fejn jiġi organizzati diversi dixxiplini sportivi fil-Pjazza. Fl-istess attivita' f'parti mill-Pjazza ser issir wirja ta' karozzi klassiċi. Is-Sindku talab l-għajuna tal-Kunsilliera fl-organizzazjoni ta' daw l-attivitajiet.

Is-Sindku propona li din is-sena il-Festa Għeneb li kienet issir fis-snin passati f'Awissu, tieħu xgħira differenti, u tiffoka iktar fuq l-involviment tal-għaqdiet. Huwa qal li fuq din l-attivita' ikun hemm dettali 'il quddiem, wara li tgħaddi l-festa.

**421.8** **Preparamenti għal Festa San Nikola 2022**

Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra saret laqgħa mal-Arċipriet u l-għaqdiet rigward il-preparamenti għal festa San Nikola ta' din is-sena. Huwa qal li l-avvenimenti ser isiru b'mod normali anka l-funzjoni tal-Knisja. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin għandha ssir laqgħa mal-awtoritajiet tal-Pulizija u s-sidien tal-bars rigward armar ta' bars fuq barra. Is-Sindku informa li din is-sena ma hemmx fondi ta' għajnuna mir-Reġjun bħas-snin preċedenti u alura l-ispejjeż jinħarġu kollha lokalment.

**421.9** **Ħatra ta' Adjudication Board' għat-tenders**

Is-Sindku talab li tiġi kkonfermata l-formazzjoni tal-adjudication board tat-tenders, għal fatt li l-Kunsilliera Psaila Zammit li rriżenjat kienet membru tal-bord. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Julian Borg, bħala minority leader ikkonferma li l-Kunsilliera Francine Farrugia tkun membru (chairman) fil-bord, u għalhekk il-Kunsill unanimament approva l-formazzjoni tal-bord magħmlula mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Julian borg u Francine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv.

**421.10** **Tismija u numerar ta' diversi toroq fis-Siġġiewi**

Is-Sindku irrefera għal-laqgħa bejn il-kumitat Tismija tat-Toroq u s-Segretarju Eżekuttiv dwar diversi issues ta' tismija ta' toroq u numerar ta' bibien. Huwa qal li l-Kumitat qed jitlob deċiżjoni immedjata tal-Kunsill dwar dawn l-issues peress li qed jikkawżaw inkonvenjent lir-residenti u b'hemm huma jkunu jistgħu jiproċedu biex fejn jonqos in-numerar isir. Is-Sindku beda jressaq l-issues individwalment għad-diskussjoni u d-deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat pjanti relattivi biex jiġi indikat għal liema triq eżatt ħa tittieħed deċiżjoni.

**421.10.1** Tismija uffiċjali tat-triq rurali li tibda mir-roundabout Ta' Kilpa sar-roundabout qabel Triq il-Panorama magħrufa bħala it-triq ta' Għar Lapsi.

Is-Sindku propona li din it-triq tissemma Triq id-Dar tal-Providenza peress li hija 'landmark'. Il-Kunsill unaniment qabel.

**421.10.2** Tismija uffiċjali tat-triq rurali mir-roundabout qabel tibda Triq il-Panorama sal-bajja ta' Għar Lapsi

Is-Sindku propona li din it-triq tissemma Triq il-Bajja ta' Għar Lapsi. Il-Kunsill unanimament approva.

**421.10.3** Tismija uffiċjali tat-trejqa magħrufa bħala Trejqa tal-Providenza, li tisporġi minn Triq lejn Għar Lapsi sa fejn il-kappella.

Is-Sindku qal li l-Kumitat talab li jinstab isem ieħor peress li diġa teżisti Triq il-Providenza fl-urban u din qed toħloq konfużjoni. Is-Sindku propona li din tissemma Triq il-Kappella tal-Providenza minħabba l-pożizzjoni fejn qegħda qrib il-kappella. Il-Kunsill unanimament qabel.

**421.10.4** Tismija ta' triq ġdida bħalissa magħrufa bħala triq ġdida fi Triq Blat il-Qamar

Jidher ċar li din il-parti tat-triq hija kontinwazzjoni ta' Triq Ġużeppi Busuttil mifruda b'biċċa art li għad trid tiġi devoluta, u għalhekk tagħmel sens li jkun jisimha bħal kontinwazzjoni tat-triq.

**421.10.5** Tismija ta' ammont ta' toroq, fergħat li preżentement kollha jisimhom Triq Ramija

Is-Sindku qal li din l-issue issemmiet f'diversi Seduti preċedenti u ma tistax tistenna iktar. Huwa qal li l-Kumitat indika preċiż kif għandha tinqasam it-triq u li minnha jinħarġu 6 toroq. It-toroq l-oħra immarkati jingħataw l-ismijiet proposti jiġifieri Triq Grezzju Pace, Triq Donia Baldacchino, Triq Nikola Mangion, u Triq Geraldu Pace. Is-Sindku qal li l-Kumitat issuġġerixxa li t-triq fejn hemm il-binjiet tal-Gvern u anka l-kumpless privat, u allura jintlaqtu ammont kbir ta' residenti tinżamm bl-istess isem. Huwa qal li f'Seduti preċedenti ġie diskuss li filfatt it-triq l-antika tinżamm bl-isem oriġinali. Kien hemm suġġerimenti li it-triq tal-binjiet imsemmija ma tissemmiex għal personalita' iżda jiġi propost isem ieħor. B'hekk sar qbil li dan jiġi diskuss f'Seduta oħra. Il-Kunsill qabel fuq l-ismijiet proposti għat-toroq l-oħra kif imamrkati fuq il-pjanti preżentati.

**421.10.6** Tismija ta' triq magħrufa bħala Triq ġdida fi Triq Santa Margerita

Is-Sindku propona li din it-triq tingħata l-isem diġa propost Triq Karmenu Bonello. Il-Kunsill unanimament qabel.

**421.10.7** Problema ta' numerar tal-parti l-ġdida ta' Triq Santa Margerita mid-daħla tas-Siġġiewi sa fejn taħbat ma' Triq Ramija.

Is-Sindku qal li l-Kumitat ressaq żewġ proposti: l-ewwel proposta li jerġa jsir numerar mill-ġdid tat-triq kollha. It-tieni proposta u l-inqas li taffettwa residenti hija li l-parti l-antika minn fejn hemm il-mitħna tibqa' kif inhi kemm fl-isem u anka fin-numerar, u l-parti mid-daħla tas-Siġġiewi sal-mitħna (il-parti l-ġdida u fejn mhemmx numerar) tingħata isem ġdid. Il-Kunsill unanimament qabel li t-tieni proposta tolqot biss lir-residenti li bħalissa m'għandhomx numru tad-dar u għalhekk xorta jridu jbiddlu l-karta tal-identita'. Wara diskussjoni, il-Kunsill propona l-isem Triq is-Siġġiewi peress li hija triq prinċipali fid-daħla tal-lokal. Il-Kunsill qabel unanimament.

| | |
|---|---|
| **421.10.8** | Numerar fi Triq Dun Manwel Zammit<br>Is-Sindku qal li l-Kumitat talab biex jiproċedi bin-numerart ta' din it-triq, anka peress li issa l-proġett soċjali tad-djar qiegħed fi stat avvanzat u jkun jista' jiġi inkluż. Il-Kunsill unanimament approva. |

Il-Kunsillier Julian Borg ħareġ mil-laqgħa fit-8.10 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **421.11** | **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.<br>Il-Kunsillier Kurstein Sant propona li mal-lista jibdew jiġu inklużi l-applikazzjonijiet PC. |
| **421.12** | **Rapport tal-Korrispondenza** |
| | Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum. |
| **421.13** | **Rapport tal-ilmenti** |
| | Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum. |
| **421.14** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. |
| | Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu. |
| **421.15** | **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ** |
| **421.15.1** | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kwotazzjoni mingħand PKF Malta Ltd. għal servizz ta' Accounting. L-istima hija ta' €1250 (eskluż il-VAT) għal xogħol ta' accounting kull kwart tas-sena inkluż postings, reconciliations u xogħol ieħor li jkun hemm bżonn inkluż ir-rapporti finanzjarji. Preżentat stima oħra għal servizz ta' Financial Statements , rapporti u assistenza annwali relatata mal-Awditjar għall-ammont ta' €2500 (eskluż il-VAT) fis-sena. Hija qalet li din il-kumpanija dejjem offriet servizz eċċellenti u affidabbli lill-Kunsill għal dawn l-aħħar snin. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva. |
| **421.15.2** | Il-Viċi Sindku ġibdet l-attenzjoni dwar tabella fil-bidu ta' Triq Dun Manwel Zammit fejn tagħlaq u inqalgħet meta saru xi xogħolijiet. Hija talbet li terġa teħel. |
| **421.15.3** | Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm problema ta' veloċita' tal-vetturi fi Triq it-Tiġrija fejn il-Kappella ta' San Blas. Huwa talab jekk hux possibbli isiru xi 'traffic calming measures'. |
| **421.15.4** | Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-bollards li hemm installati fit-triq ta' Għar lapsi kif iddur minn ħdejn farmhouse Ta' Manun mhux qed ikunu viżibbli minħabba li maħmuġin u faċli jintlaqtu minn xi vettura. |
| **421.15.5** | Il-Kunsilliera Francine Farrugia fakkret rigward il-periklu tal-barriera fi Triq Angelo Dorini li qegħda mingħajr ilqugħ, u anka dwar iz-zebra crossing fl-area ta' Kirċippu. |

**421.16** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.40 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 6 ta' Ġunju 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv